**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 9 ta' Dicembru, 2015**

Numru 9

**Rikors Guramentat Nru. 570/2015**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Carmelina Attard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tal-11 ta' Gunju 2015 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tlett skritturi privati, datati 27 ta' April 2007 (Dok. "A", "B" u "C") fejn is-socjeta attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji Iil Carmelina Attard.

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici ta' Carmelina Attard fis-somma ta' tlieta u tletin elf, sitt mija u tlieta u tmenin ewro u sbatax-il centezmu (€33,683.I7), bilanc ghad-debitu fil-"Consumer Loan Account" ta' Carmelina Attard mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D2", Dok. "E1 sa E2" u Dok. "F1 sa F2"), flimkien mal-imghax ulterjuri mis-26 ta' Frar 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dok. "A", "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Carmelina Attard
(a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi,
(b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess skritturi privati, u/jew,

(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Carmelina Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuta Carmelina Attad giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' Awwissu 2012, li kopja taghha qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok. 'G', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda din baqghet inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok. "A", "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Carmelina Attard (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati, (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess skritturi sopraindikati u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Carmelina Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici, u

2. Tikkundanna lil Carmelina Attard thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlieta u tletin elf, sitt mija u tlieta u tmenin ewro u sbatax-il centezmu (€33,683.17), bilanc ghad-debitu fil-"Consumer Loan Account" ta' Carmelina Attard mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D2", Dok. "E1 sa E2" u Dok. "F1 sa F2"), flimkien mal-imghax ulterjuri mis-26 ta' Frar 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Awwissu 2012 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

Rat in-nota ta' ammissjoni tat-3 ta' Novembru 2015 fejn il-konvenuta ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuta thallas lil bank attur is-somma ta' tlieta u tletin elf, sitt mija u tlieta u tmenin ewro u sbatax-il centezmu (€33,683.17), bilanc ghad-debitu fil-"Consumer Loan Account" tal-istess konvenuta skond it-talba u d-dokumenti esebiti, flimkien mal-

imghax ulterjuri mis-26 ta' Frar 2015 sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez ghall-konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur